MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) GURISDIZZJONI INFERJURI

## MAGISTRAT DR. PAUL COPPINI

Seduta tat-8 ta' Frar, 2005

Avviz Numru. 78/2000/1

Rapa Brothers Company Limited .

vs

Francis Grech .

Il-Qorti ,

Rat l-Avviz li permezz tieghu s-socjeta' attrici talbet lill-konvenut jghid ghaliex m'ghandhux jigi kkundannat ihallas is-somma ta' sitt mija u tmienja u tletin liri maltin (Lm638) rapprezentanti bilanc minn ammont akbar li ghadu dovut minnek ghal materjal tal-bini debitament mibjugh u konsenjat lilek .

Bl-ispejjez inkluzi dawk ta' ittri ufficjali datati 3 ta' Awissu, 2000 u 14 ta' Settembru, 2000 u bl-interessi legali dekorribbli mid-data ta' kull konsenja relattiva kontra l-konvenut minn issa ngunt ghas-subizzjoni .

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenut li eccepixxa :

1. Illi qabel xejn is-socjeta' attrici ghandha ggib provi dwar il-kreditu reklamat minnha partikolarment kopji tal-invoices .

2. Illi l-eccipjenti qieghed jikkontesta t-talbiet attrici in kwantu l-ammont reklamat ma hux dovut mill-eccipjenti .

Salvi eccezzjonijiet ulterjuri li l-konvenut qieghed jirriserva li jqanqal wara li jkun ezamina l-invoices msemmija .

Rat l-atti l-ohra kollha tal-kawza, inkluzi l-verbali tax-xhieda mismugha u d-dokumenti esebiti .

Ikkunsidrat :

Illi permezz ta' din il-kawza s-socjeta' attrici qed titlob minghand il-konvenut il-hlas ghal diversi konsenji ta' *ready mix* u *bricks* mibjugha lill-konvenut fuq ordni tieghu stess . Il-konvenut eccepixxa fl-ewwel lok illi s-socjeta' attrici ghandha ggib il-provi dwar l-ammont reklamat . Dan ghamlitu ampjament bil-produzzjoni ta' li *statement* relattiv[1] u l-kopji tal-varji *invoices* mahruga dwar kull konsenja[2] . Bl-eccezzjoni l-ohra tieghu il-konvenut jikkontendi biss illi l-ammont reklamat ma hux dovut, minghajr ma jghid ghaliex . Mid-depozizzjoni tieghu johrog pero' illi huwa jippretendi illi ghandha ssir tpacija ma' ammont ekwivalenti illi ghandu jiehu minghand is-socjeta' attrici[3] .

Jidher ghalhekk illi l-konvenut qed jghid illi ghandu jkun hemm xi forma ta' tpacija bejn il-krediti rispettivi . Il-ligi taghna tghid illi t-tpacija ssir meta tnejn min-nies huma debituri lejn xulxin u d-dejn ikun cert, likwidu u dovut[4] . Fuq principji simili fil-ligi taljana l-**Giorgi** jghallem illi : ***"La compensazione legale e' quella che si fa di diritto in***

[1] Dok. FR 1 a fol. 22 - 23 tal-process .
[2] Dok FR 1 a fol. 29 - 62 .
[3] ara affidavit tal-konvenut tat-28.07.04 esebit bhala Dok. FG 1 .
[4] Ara art. 1196 u 1197 Kap. 16 .

***virtu' della legge, ed anche all'insaputa dei debitiori al momento della contemporanea esistenza dei debiti, che reciprocamente si estinguono pe la quantita' corrispondente.***"[5] Fil-kaz in ezami s-socjeta'attrici qed titlob is-somma ta' Lm638 . Din it-talba tinsab korroborata b'li *statement* u fatturi li gew esebiti minn Frank Rapa ghan-nom tas-socjeta' attrici . Infatti ma jirrizultax illi l-konvenut qed jikkontesta dan l-ammont . Jippretendi pero' illi trid issir kompensazzjoni ma' ammont li ghandu jiehu ghal xoghol li ghamel lis-socjeta' attrici f'Ghajnsielem u xoghol ta' tiswija fuq truck tal-kumpanija li sar mit-tifel tieghu[6] .

Rigward ix-xoghol li sar mill-konvenut f'Ghajnsielem, ghalkemm Frank Rapa tas-socjeta' attrici jammetti illi l-konvenut kien tassew ghamillu kontra-bejt f'Ghajnsielem,[7] ma kienx jaf jghid jekk dan l-ammont kienx ghadu dovut . Minn naha l-ohra l-konvenut ghalkemm jghid illi l-kont ghal dan ix-xoghol kien ta' mitejn tmienja u tletin lira maltija (Lm238), baqa' ma pproduca ebda fattura jew xi dokument iehor dwar dan ix-xoghol, bhal ma gustament ippretenda illi s-socjeta' attrici kellha taghmel fir-rigward tal-pretensjonijiet taghha . Fin-nuqqas ta' prova certa dwar dan id-dejn, il-Qorti ma tistax tikkonkludi illi dan id-dejn huwa wiehed cert, likwidu u dovut kif trid il-ligi fir-rigward tat-tpacija .

Frank Rapa jammetti wkoll illi t-tifel tal-konvenut kien ghamillu xi tiswijiet fuq truck tal-kumpanija, imma anke jekk il-hlas relattiv ghadu dovut, gialadarba d-dejn mhux bejn l-istess zewg persuni nvoluti f'din il-kawza, ghax Jonathan Grech mhux parti fiha, jonqos wiehed mill-elementi mehtiega sabiex tkun tista' ssir it-tpacija .

Ghaldaqstant ma jidher illi baqa' ebda gustifikazzjoni ghaliex il-konvenut m'ghandhux ihallas l-ammont kollu hawn mitlub mis-socjeta' attrici .

---

[5] Teoria delle Obbligazioni nel Diritto Moderno Italiano, Firenze 1911 vol . VIII.para. 5 .
[6] ara affidavit ta' Jonathan Grech tal-15.10.04 .
[7] ara kontro-ezami tieghu a fol. 25 .

Ghal dawn il-motivi, tiddecidi l-kawza, billi, filwaqt illi tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenut, tilqa’ t-talba attrici, u tikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta’ attrici s-somma ta’ sitt mija  tmienja u tletin lira maltija (Lm638) rapprezentanti valur ta’ diversi konsenji ta’ *ready mix* u *bricks* mibjugh u konsenjat lill-konvenut .

Bl-ispejjez u bl-interessi legali dekorribbli mid-dati tal-konsenji rispettivi sad-data tal-pagament effettiv kontra l-konvenut .

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------